Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10415 — Black Diamond/Specialty Chemicals International)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 321/05)

1. Fit-2 ta' Awwissu 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Black Diamond Capital Management L.L.C. ("Black Diamond", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Specialty Chemicals International B.V. ("Specialty Chemicals", in-Netherlands), ikkontrollata bi sħab minn Investindustrial V L.P. (il-Lussemburgu) u Black Diamond.

Black Diamond takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Specialty Chemicals kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Black Diamond: ditta ta' konsulenza dwar l-investiment b'enfasi fuq erba' oqsma ta' investiment: (i) kontroll ta' fondi f'diffikultà / ta' ekwità privata; (ii) fondi ħeġġ; (iii) stress mhux ta' kontroll / fond magħluq f'diffikultà; u (iv) obbligi ta' self kollateralizzat. Black Diamond bħalissa għandha kontroll bi sħab ta' Specialty Chemicals,

— Specialty Chemicals: kumpanija azzjonista għal Polynt-Reichhold, attiva fl-iżvilupp, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' kimiċi ta' speċjalità u kimiċi ta' prestazzjoni, speċifikament reżina tal-poliester mhux saturata, intermedji kimiċi (anidridi), komoditajiet relatati (plastifikanti), speċjalitajiet (komposti termosolidati), u reżini għal komposti u kisi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10415 – Black Diamond/Specialty Chemicals International

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË